MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tas-17 ta' Mejju, 2016**

Rikors Maħluf Numru: 230/16LM

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

**David Farrugia K.I. numru 234087 (M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-22 ta' Marzu, 2016 mis-soċjetà attriċi **Bank of Valletta p.l.c.** (minn issa "is-soċjetà attiċi") li jaqra kif ġej:

1. *Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Jonathan Zammit datat 16 ta' Marzu, 2008 (Dok. "A") u permezz ta' skrittura privata datata 16 ta' Marzu, 2010 (Dok.*

*"B"), is-soċjetà attriċi kkonċediet faċilitajiet bankarji lil David Farrugia;*

2. *Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi tal-konvenut David Farrugia fis-somma ta' disgħa u tmenin elf, ħames mija u tnejn u sebgħin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€89,572.42) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' David Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3", "D1 sa D3" u "E1 sa E2") flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-29 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

3. *Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura privata fuq imsemmija (esebiti bħala Dokument "A" u "B"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi David Farrugia:*

    (a) *Naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess David Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi.*

4. *Illi l-attriċi nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.*

5. *Illi l-konvenut David Farrugia ġie interpellat permezz ta' ittra uffiċjali datata 22 ta' Settembru 2014, li kopja tagħha ġiet esebita u mmarkata Dok. "F", sabiex jitħallas id-dejn fuq imsemmi, iżda huwa baqa' inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.*

*Għaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet neċessarji u li jingħataw il-provvedimenti opportuni, jgħid il-konvenut għaliex m'għandhiex din il-Qorti*

*tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi li qiegħda hawn titlob li din il-Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata imsemmija (esebiti bħala Dok "A" u "B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi David Farrugia (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess David Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi; u*

2. *Tikkundanna lil David Farrugia jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disgħa u tmenin elf, ħames mija u tnejn u sebgħin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€89,572.42) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' David Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3", "D1 sa D3" u "E1 sa E3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-29 ta' Ottubru 2015 sad-data tal-effettiv pagament;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 22 ta' Settembru 2014 kontra l-konvenut li hu inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti mis-soċjetà attiċi.

Rat in-nota ta' ammissjoni ppreżentata mill-konvenut **David Farrugia** (minn issa 'l quddiem ("il-konvenut") u moqrija waqt l-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2016 (a fol. 58), fejn il-konvenut **David Farrugia** ammetta t-talbiet attrici kif dedotti fir-Rikors Maħluf fl-intier tagħhom.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Mejju, 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-seduta tal-lum għas-sentenza.

**<u>Decide</u>**

**Fl-ammissjoni tal-konvenut:**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**1. Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura privata esebiti bħala Dok "A" u "B", partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-konvenut David Farrugia (a) naqas milli jħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kien inadempjenti f'obbligi oħra minnu assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess konvenut David Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibbiltà tal-ħlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi; u**

**2. Tikkundanna lill-konvenut David Farrugia jħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disgħa u tmenin elf, ħames mija u tnejn u sebgħin euro u tnejn u erbgħin ċenteżmu (€89,572.42) bilanċ għad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' David Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3", "D1 sa D3" u "E1 sa E3") flimkien mal-imgħax ulterjuri mid-29 ta' Ottubru, 2015 sad-data tal-effettiv pagament.**

**Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali datata 22 ta' Settembru, 2014 kontra l-konvenut.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------